**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa B'Urġenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61

It-Tlieta 16 t'Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00p.m.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

Minuti

| | |
|---|---|
| 61.1 | **Ż**vilupp ta' lukanda f'Marsaxlokk |
| 61.1.2 | Nhar is-16 t'Ottubru 2018 il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk żamm laqgħa mal-iżviluppatur u l-perit tiegħu fir-rigward ta' żvilupp ta' lukanda f'Marsaxlokk, applikazzjoni b'referenza PA/03782/16. Waqt il-laqgħa b'urġenza, il-Kunsilliera preżenti kellhom diskussjoni libera u wara, b'vot unanimu, ġie deċiż li għandha tintbgħat sottomissjoni f'isem l-istess Kunsill Lokali għall-kunsiderazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-imsemmija applikazzjoni hekk kif ġej:<br><br>• Ir-regolamenti tal-UCA għandhom assolutament u strettament jiġu segwiti mill-iżviluppatur.<br>• Il-Kunsill Lokali qed jagħmel pressjoni fuq l-istess Awtorità tant li formalment qed jitlob lill-istess Awtorità sabiex il-flus ġenerati minn dan l-iżvilupp jiġu allokati BISS għal-lokalità ta' Marsaxlokk, partikolarment għar-riabilitazzjoni tas-sit 'Il-Ballut tal-Magħluq' li huwa sit Natura 2000.<br><br>Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk qed jaqbel ma' dan l-iżvilupp jekk kemm-il darba:<br>• L-iżviluppatur jikkommetti ruħu li jinvesti fl-inħawi ta' madwar il-lukanda.<br>• L-imsemmija lukanda tkun waħda sostenibbli u ta' ġid għal-lokalità. Dan billi l-iżviluppatur jinvesti mhux biss fuq is-settur tat-turiżmu imma ankè fuq is-settur ambjentali.<br>• Il-Bajja tal-Magħluq tibqa' art pubblika u aċċessibbli dejjem għan-nies.<br>• Fuq kollox, nemmnu li dan l-iżvilupp għandu jseħħ għall-ġid komuni ta' kulħadd, kemm għall-imprenditur u kif ukoll għar-residenti. |
| 59.1.3 | Il-laqgħa intemmet fis-7:15p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 13 ta' Novembru 2018.

IFFIRMATA

____________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

____________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv